MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 722/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Raymond Curmi sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess Raymond Curmi, u b'nota ta' l-24 ta' April, 2003, is-socjeta` GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti minflok is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc**
**vs**

**Francis Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fis-26 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u wiehed u tmenin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm281.76), danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-22 ta' Frar, 2001, gewwa Triq**

**Pietru Pawl Saydon, Zurrieq, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAB-247, misjuqa minnu u proprjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici li kienet assikurata taht polza "comprehensive" mahruga mill-istess socjeta` attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura ta' l-assikurat taghha salv ghal hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) "excess" imhallsa mill-assikurat Raymond Curmi, u x-xarabank numru FBY-684 misjuqa mill-konvenut Francis Vella, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax pagabbli mis-27 ta' Awissu, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 ta' Mejju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut, izda bi traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur assikurat Raymond Curmi li kien qed isuq il-vettura AAB-247.**

**Semgha x-xhieda ta' Raymond Curmi u Francis Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-22 ta' Frar, 2001, fi Triq Pietru Pawl Saydon kantuniera mat-triq li taghti ghall-Misrah ir-Repubblika, fiz-Zurrieq. Il-vetturi involuti fil-kollizzjoni kienu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAB-247, misjuqa mill-attur, u x-xarabank nurmu ta' registrazzjoni FBY-684 misjuqa mill-konvenut.**

**2. L-attur kien gej mid-direzzjoni ta' Misrah ir-Repubblika miexi qed idur biex jidhol fi triq Pietru Pawl Saydon, filwaqt li l-konvenut kien gej minn Triq Saydon qed idur biex imur fid-direzzjoni ta' Misrah ir-Repubblika. Jirrizulta li l-incident gara fis-6.15pm, cioe` meta kien dalam.**

**3. L-attur intlaqat fuq il-mudguard u l-kantuniera ta' wara tan-naha tal-lemin, filwaqt li x-xarabank kellu l-hsara ghan-nofs pero` aktar lejn wara tal-genb tal-lemin.**

**4. Jirrizulta li huwa minnu dak li qed jghid l-attur li meta ra lill-konvenut gej aktar ghan-nofs tat-triq, huwa waqaf, tax-xarabank baqa' gej, u sehhet il-kollizjoni. Dana huwa konfermat ukoll mir-Road Accident Report esibit, Dok.A, fejn "a tempo vergine" il-konvenut stqarr hekk: "I have to state that I thought that the other vehicle had already passed when the accident occurred."**

**5. Ma hemmx dubbju li waqt li qed idur, il-konvenut ma kienx attent, u ghalhekk sehhet il-kollizzjoni. Ghandu jigi rilevat li dak il-hin kien gja dalam, u ghalhekk wiehed messu saq izjed bil-galbu, aktar u aktar meta l-konvenut kien qed isuq dak ix-xarabank partikolari ghall-ewwel darba ghandu kemm ghandu esperjenza fis-sewqan. Ghalhekk ghall-eventwali kollizzjoni kien jahti unikament il-konvenut.**

**6. Id-danni huwa dawk mitluba skond ma rrizulta mid-dokumenti esebiti. L-attur hallas hamsin lira (Lm50.00) excess.**

**Ghaldaqstant it–Tribunal filwaqt illi qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u tletin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm231.76) u lill-attur is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00), bl-imghaxijiet fuq l-imsemija ammonti dekorribbli mis-27 ta' Awissu, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-**

**Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------